



C/2024/4714

5.8.2024

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofijski rayonen sad (il-Bulgarija) fid-29 ta' April 2024 –  
YL vs Elektrorazpredelitelni mrezhi Zapad EAD**

**(Kawża C-310/24, Elektrorazpredelitelni mrezhi Zapad EAD)**

(C/2024/4714)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Sofijski rayonen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: YL

Konvenut: Elektrorazpredelitelni mrezhi Zapad EAD

**Domandi preliminari**

- 1) [Il-kunċett] ta' “imposti għall-kumpens tat-telf”, fis-sens tal-Artikolu 46(2)(d) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE<sup>(1)</sup> u tal-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku<sup>(2)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi wkoll l-elettriku kkonsmat iż-żida mhux irregistral mill-strument tal-kejl jekk l-enerġija mhux irregistrala jew irregistrala b'mod mhux preċiż mill-strument tal-kejl li jkun jinsab għand il-konsumatur:
  - a) tkun dovuta għal intervent estern;
  - b) ma tkunx dovuta għal intervent estern;  
u jekk l-operatur tan-network jew il-fornitur tal-elettriku ma jkunux irrimedjaw din il-problema fil-ħin, b'tali mod li l-imposta tkun tħalli kwantità ta' elettriku “stmata” għal perijodu ddeterminat mil-liġi li t-tmiem tiegħi jiddepPENDI mill-konstatazzjoni, min-naħa tal-fornitur, ta' problema teknika ta' funzjonament?
- 2) L-obbligu tal-awtorità regolatorja taħt l-Artikolu 59(1)(a) tad-Direttiva 2019/944 għandu jiġi interpretat fis-sens li jiġi osservat il-prinċipju li jeħtieġ l-iffissar ta' kriterji trasparenti għat-tariffi tat-trasport u tad-distribuzzjoni jew ta' metodi għall-kalkolu tagħhom, jekk l-ispejjeż tal-operatur tan-network li jikkorrispondu għal kalkolu fil-forma ta' stima tal-kwantità ta' telf għal perijodu ta' tbassir minħabba problema bl-strument tal-kejl (li ma jwettaqx reġistrazzjonijiet jew li ma jkunx jiffunzjona minn aspett tekniku) jiġu inklużi fit-tariffi, jekk id-difett tal-strument:
  - a) ikun dovut għal intervent estern;
  - b) ma tkunx dovut għal intervent estern;  
u jekk ma jkunx ġie rrimedjat fil-ħin mill-operatur tan-network jew mill-fornitur tal-elettriku li jkun il-proprietarju tal-strument tal-kejl?
- 3) L-Artikolu 18(1) u (7) tar-Regolament 2019/943 għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa l-ispejjeż tal-elettriku kkonsmat mill-konsumatur abbażi ta' konsum tal-elettriku stmat għal perijodu ta' tbassir, mingħajr ma tiġi eżaminata l-kwantità reali ta' elettriku użata mill-konsumatur, fil-każ ta' problema bl-strument tal-kejl tal-kwantità tal-elettriku li:
  - a) tkun dovuta għal intervent estern;
  - b) ma tkunx dovuta għal intervent estern

<sup>(1)</sup> ĠU 2019, L 158, p. 125.

<sup>(2)</sup> ĠU 2019, L 158, p. 54.

- 4) L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>(3)</sup>) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konsumatur huwa obbligat iħallas kwantità stmata ta' elettriku għal perijodu ta' tbassir jekk l-strument tal-kejl ma jirreġistrax il-kwantità ta' elettriku reali, jekk ikun jinsab barra l-proprietà tal-konsumatur u jekk in-nuqqas ta' kapaċità tal-strument tal-kejl li jwettaq ir-reġistrazzjonijiet:
- ikun dovut għal intervent estern;
  - ma jkunx dovut għal intervent estern?
- 5) L-Artikolu 10(4) tad-Direttiva [2019/944] għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil fornitur jew lil operatur tan-network tal-elettriku jwettqu kalkolu mill-ġdid tal-kwantità tal-elettriku billi jissostitwixxuha bi kwantità tal-elettriku stmata għal perijodu ta' tbassir, jekk l-strument tal-kejl ma jiħux kejl preċiż, jekk ikun jinsab barra mill-portata tal-konsumatur u jekk in-nuqqas ta' kapaċità tal-strument tal-kejl li jwettaq ir-reġistrazzjonijiet:
- ikun dovut għal intervent estern;
  - ma jkunx dovut għal intervent estern?

---

(<sup>3</sup>) ĠU 2011, L 304, p. 64, rettifika fil-ĠU L, 2024/90093.